# TALBA TAL-FIDILI

# **TNEJN TAD-29 ĠIMGĦA MATUL IS-SENA**

*Ċel:* Ġesù ma jaċċettax li jkollu x'jaqsam ma' tilwima dwar il-ġid materjali, u jwissina biex ma nafdawx fir-rikkezzi li ma jistgħux isalvawna. Nitolbu lil Alla Missierna biex ma nintrabtux mal-ġid li jgħaddi, imma nibnu ħajjitna fuq il-valuri tal-ispirtu:
R/. *Agħmilna ulied ħielsa, Mulej.*

1. Għin lill-Knisja biex tagħmel użu tajjeb mill-ġid materjali meħtieġ biex taqdi l-missjoni tagħha favur min hu fqir u nieqes minn ħajja deċenti u dinjituża, nitolbu. R/.

2. Ikkonvinċi lil min imexxi l-ekomomija mondjali biex joħloq liġijiet tas-suq li bihom ikun hemm tqassim ġust tal-ġid u tar-riżorsi tad-dinja, u biex pajjiżi għonja jgħinu lil dawk li huma foqra, nitolbu. R/.

3. Nissel il-paċi fi qlub dawk il-familji li jgħixu f'nuqqas ta' qbil minħabba l-wirt, biex jifhmu li l-ferħ veru ma jiddependix minn kemm wieħed jirnexxielu jakkwista, nitolbu. R/.

4. Liż-żgħażagħ għallimhom jagħmlu użu tajjeb mill-ħin liberu tagħhom, biex ma jgħixux f'aljenazzjoni li twassalhom jinsew il-veru skop tal-ħajja nisranija, nitolbu. R/.

5. Agħtina l-ferħ tal-esperjenza li nagħmlu meta nħossu f'ħajjitna l-ħniena tiegħek bħala Missier, u ngħixu l-ħajja ġdida li ġabilna Kristu Ibnek ħalli nsalvaw bil-fidi tagħna, nitolbu. R/.

*Ċel:* O Alla, int għani fil-ħniena, u meta konna mejta minħabba fi dnubietna tajtna l-ħajja permezz ta' Kristu. Għinna ngħixu fl-ispirtu tal-ħelsien ta' wlied Alla, u ma nħallux ir-rabta żejda mal-ġid li jgħaddi ttellifna l-ġid li jibqa' għal dejjem. Bi Kristu Sidna. R/. Amen.

# TALBA TAL-FIDILI

# **TLIETA TAD-29 ĠIMGĦA MATUL IS-SENA**

*Ċel:* In-nisrani jgħix ħajtu dejjem jishar u jistenna l-miġja tal-Mulej Ġesù. Nitolbu biex aħna dejjem nishru fit-talb, ħalli jkollna l-qawwa li nidhru quddiem Bin il-bniedem f'jum il-miġja tiegħu:
R/. *Mulej, għallimna naqduk u nistennewk f'ħajjitna*.

1. Biex is-saċerdoti jkunu tassew qaddejja ta' Kristu u ta' ħuthom, b'mod li jgħixu tabilħaqq id-dinjità tal-ministeru li ġie fdat f'idejhom, nitolbu. R/.

2. Biex it-tħabbira tal-paċi ta' Kristu li jkisser il-ħitan li jifirdu l-bnedmin titwassal lil min hu fil-qrib permezz tal-fidi u lil dawk li huma fil-bogħod għax ma laqgħux il-messaġġ tas-salvazzjoni, nitolbu. R/.

3. Biex ir-reliġjużi li jikkonsagraw ħajjithom fis-skiet tal-kontemplazzjoni jagħtu xhieda ġenwina tal-istennija ferrieħa tal-Mulej f'ħajja umli u moħbija għall-għajnejn tad-dinja, nitolbu. R/.

4. Biex tinħoloq klima ta' kollaborazzjoni bejn min iħaddem u min jaħdem, mibnija fuq sens ta' ġustizzja u ta' onestà fil-qadi tad-dmirijiet reċiproċi, nitolbu. R/.

5. Biex filwaqt li naħdmu biex intejjbu l-ħajja tagħna fuq din l-art, nuru li qd nistennew bil-fidi u t-talb il-miġja tal-imħallef ħanin li jagħti l-premju lill-qaddejja fidili tiegħu, nitolbu. R/.

*Ċel:* Mulej Ġesù, inti l-paċi tagħna u fik kulħadd għandu d-dħul għand il-Missier permezz tal-Ispirtu tiegħek. Għallimna nishru u nitolbu fl-istennija hienja tas-saltna tiegħek. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem. R/. Amen.

# TALBA TAL-FIDILI

## ERBGĦA TAD-29 ĠIMGĦA MATUL IS-SENA

*Ċel:* Il-Mulej jitlob kont tal-għemil tagħna skond id-doni tal-grazzja li jagħti lil kull wieħed u waħda minna. Nitolbu biex inkunu dejjem lesti biex naqduh u nistennewh u li ma nħallux lill-għadu jaljenana fil-fedeltà tagħna lejn Kristu:
R/. *Mulej, ħarisna fil-fedeltà tagħna lejk.*

1. Agħti lill-ministri tal-Knisja tiegħek li jkunu amministraturi fidili li inti tqiegħdhom biex imexxu lill-poplu tiegħek u jaqduh bil-qdusija, nitolbu. R/.

2. Wassal il-kelma tal-Evanġelju lill-ġnus kollha, biex il-misteru ta' mħabbtek jiġbor l-umanità fl-istess wirt merfugħ għal ulied il-wegħda, nitolbu. R/.

3. Akkumpanja lill-morda terminali u lill-moribondi fil-vjaġġ tagħhom tal-aħħar biex jiltaqgħu miegħek bil-fidi, għax dejjem stennewk u ħabbewk, nitolbu. R/.

4. Kun ma' dawk li jsofru problemi tal-alkoħol u jitilfu l-kontroll fuqhom infushom, biex isibu għajnuna esperta biex ifiqu u mħabba minn qrabathom u ħbiebhom, nitolbu. R/.

5. Tħalliniex nitqarrqu b'ħajja li fiha naħarbu s-sagrifiċċju biex ngħixu tajjeb il-mument preżenti u ninsew l-impenn tagħna biex inħejju ruħna għal-laqgħa tagħna miegħek, nitolbu. R/.

*Ċel:* Għalkemm inti tiġi bħal ħalliel, nafu, Mulej, li inti tagħtina żmien biex nindmu u nduru lejk. Dawwalna bil-kelma tiegħek biex nistennewek bil-fidi tal-qaddejja li ssibhom f'posthom jaqdu dmirhom. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem. R/. Amen.

# TALBA TAL-FIDILI

# ĦAMIS TAD-29 ĠIMGĦA MATUL IS-SENA

*Ċel:* Li tkun dixxiplu ta' Ġesù jfisser li tilqa' l-konsegwenzi tar-rabta tiegħek miegħu min-naħa ta' dawk li ma jilqgħux lil Kristu f'ħajjithom, ukoll jekk ikunu persuni għeżież għalik. Nitolbu biex, quddiem il-verità tal-Evanġelju, aħna nibqgħu sħaħ fil-fedeltà tagħna lejn Kristu:
R/. *Ħeġġiġna bin-nar tal-Kelma tiegħek, Mulej.*

1. Qawwi lill-Knisja tiegħek fil-missjoni tagħha li tagħti xhieda għalik ukoll quddiem l-oppożizzjoni u l-persekuzzjoni, nitolbu. R/.

2. Tħallix li l-interessi ta' partiti jnisslu firda fis-soċjetà u jtellfu s-sens ta' ġustizzja li kull istituzzjoni hi msejħa li taħdem għaliha fil-verità, nitolbu. R/.

3. Nissel għaqda u mħabba fejn hemm il-firda bejn il-familji, ħtija tal-egoiżmu u n-nuqqas ta' raġunament dwar dak li l-aktar jiswa fil-ħajja, nitolbu. R/.

4. Lil dawk li qatgħu qalbhom agħtihom il-kuraġġ biex jemmnu li Alla kapaċi jagħmel wisq aktar minn dawk li nistgħu naħsbu jew nixtiequ, nitolbu. R/.

5. Agħtina li nilqgħuk biex tgħammar fina bil-fidi, u hekk nibnu l-għeruq tagħna fl-imħabba u nagħarfu kemm l-imħabba tiegħek hi aktar għolja minn kull għarfien tad-dinja, nitolbu. R/.

*Ċel:* Mulej Ġesù, inti ġejt fid-dinja biex tkebbisna bin-nar tal-imħabba u taħsilna fil-magħmudija ta' demmek li bih fdejtna, agħtina li ma nibżgħux mis-salib u milli nbatu għall-verità, biex ma nitilfux il-veru paċi tal-qalb li hi merfugħa għal dawk li jibqgħu fidili lejn il-verità. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem. R/. Amen.

# TALBA TAL-FIDILI

# **ĠIMGĦA TAD-29 ĠIMGĦA MATUL IS-SENA**

*Ċel:* Il-bniedem jista' jiftaħar li wasal għal għarfien profond tal-liġijiet tan-natura, tax-xjenza u t-teknika, imma dan ma jfissirx li kiseb għarfien profond tar-rieda ta' Alla. Nitolbu biex kull riċerka għall-verità twassal lill-umanità ħalli taqra s-sinjali taż-żminijiet tal-preżenza ta' Alla:
R/. *Iftħilna għajnejna għas-sinjali taż-żminijiet.*

1. Dawwal lill-Papa u lill-isqfijiet biex juru b'mod ċar id-direzzjoni li fiha trid timxi l-umanità għall-veru progress tagħha fl-istorja attwali, nitolbu. R/.

2. Wassal kull riċerka fil-qasam xjentifiku, teknoloġiku jew informatiku biex tagħraf f'dak li jiġri s-sinjali tar-rieda divina tiegħek, u lill-politiċi biex ma jaqgħux fin-nassa tal-poter li jiċħad lilek bħala sid l-istorja, nitolbu. R/.

3. Iftaħ għajnejn l-umanità biex tilqa' r-responsabiltà li għandha fil-ħarsien tal-ħolqien opra ta' idejk, u biex ma tħarbattx il-liġi naturali li inti fassalt biex ikun hemm armonija fl-ekosistema, nitolbu. R/.

4. Qarreb lejn xulxin lil dawk li huma miġġeldin, u biegħed mis-soċjetà tagħna t-tentazzjoni tal-vjolenza li biha l-bnedmin jieħdu l-liġi f'idejhom, nitolbu. R/.

5. Agħtina sentimenti ta' ħniena, tjieba, umiltà, ħlewwa u sabar lejn ħutna, biex hekk inżommu bejnietna l-għaqda tal-Ispirtu bir-rabta tas-sliem, nitolbu. R/.

*Ċel:* Iftħilna moħħna u qalbna, Mulej, biex nagħrfu s-sinjali taż-żminijiet li fihom ngħixu, ħalli nimxu lejn l-unika tama li għaliha aħna msejħin, u nagħrfu Mulej wieħed, fidi waħda, magħmudija waħda u Alla Missier ta' kulħadd. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem. R/. Amen.

# TALBA TAL-FIDILI

# **SIBT TAD-29 ĠIMGĦA MATUL IS-SENA**

*Ċel:* Ġesù jurina l-urġenza li nikkonvertu biex insalvaw u neħilsu mill-qerda tal-kundanna minħabba dnubietna. Nitolbu biex nagħmlu użu tajjeb miż-żmien ta' grazzja li Alla jagħtina biex aħna nikkonvertu:
R/. *Eħlisna mid-deni, Mulej.*

1. Agħti lill-ministri tal-Knisja tiegħek li jxandru l-urġenza tal-konverżjoni, u li juru l-valur taż-żmien ta' issa bħala mument ta' salvazzjoni, nitolbu. R/.

2. Ipprovdi għajnuna lil dawk il-popli li għaddejjin minn traġedji naturali, u wassal lill-mexxejja tal-ġnus biex jilqgħu r-responsabiltà li jevitaw traġedji bħal dawn meta jiġru ħtija tal-egoiżmu u tal-korruzzjoni, nitolbu. R/.

3. Imla lill-bdiewa bis-sabar fl-istennija li l-art trodd il-frott tagħha, u ippremjahom tal-ħidma iebsa tagħhom, nitolbu. R/.

4. Agħti kuraġġ lill-midinbin biex jemmnu li inti tagħtihom żmien biex jindmu, għax inti ma tridx il-mewt tal-ħażin imma li jindem u jgħix, nitolbu. R/.

5. Għallimna nġibu ruħna bil-verità fil-karità, biex nikbru fil-bniedem spiritwali ħalli nibnu l-Knisja magħmula minn kariżmi u ministeri diversi, nitolbu. R/.

*Ċel:* Eħlisna minn kull deni, Mulej, u agħtina li ngħixu fit-tjieba u l-ġustizzja f'dan iż-żmien ta' grazzja. Tħalliniex naħsbu li dak li jiġri hu xi kastig għall-ħżiena, imma għinna nemmnu li inti tagħti żmien għal kull bniedem biex jerġa' lura lejk u jindem minn ħżunitu. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem. R/. Amen.

# TALBA TAL-FIDILI

## **IT-TLETIN ĦADD MATUL IS-SENA** (Ċ)

*Ċel:* Il-parabbola tal-Fariżew u l-pubblikan turina kif it-talba tal-fqajrin tirfed l-isħab u tasal quddiem Alla, filwaqt li l-kburin ma jiġux mismugħa. Nitolbu biex aħna jkollna l-umiltà li nagħarfu min aħna verament quddiem Alla:
R/. *Agħtina qalb umli li titolbok ħniena*.

1. Għall-Knisja, biex tiftaħ idejha ħalli tilqa' fi ħdanha lill-midinbin u twarrab minnha l-kburija li biha xi nsara jaħsbu li huma aħjar mill-oħrajn, nitolbu. R/.

2. Għal kull min għandu awtorità fis-soċjetà, biex jifhem li hu wkoll għandu limiti u difetti, u juża l-awtorità tiegħu b'sens ta' qadi umli, nitolbu. R/.

3. Għal min iħossu midneb u jistħi jersaq lejn Alla biex jitlob maħfra, biex iqawwi qalbu u jifhem li t-talba tal-umli tasal quddiem il-ħniena ta' Alla, nitolbu. R/.

4. Għal min iddedika ħajtu b'imħabba għall-familja jew għal xi kawża nobbli, biex iħares lejn it-tluq tiegħu mid-dinja bħala ċelebrazzjoni tal-ħniena li Alla wera miegħu u tal-premju li issa jistħoqqlu, nitolbu. R/.

5. Għalina, biex nitgħallmu nitolbu b'qalb umli fl-ispirtu tat-talba ta' Ġesù, biex naqilgħu l-maħfra ta' dnubietna u niġu iġġustifikati b'demmu, nitolbu. R/.

*Ċel:* O Alla, inti ma tagħmilx preferenzi ta' persuni, u lilna tagħtina ċ-ċertezza li t-talba tal-umli tirfed is-sħab. Ħares lejna bil-ħniena kif ħarist lejn il-pubblikan li nidem fit-tempju, u agħtina li nkunu miftuħin bil-fiduċja għall-ħniena tiegħek, ħalli niġu iġġustifikati f'isem Ibnek Ġesù Kristu Sidna, li jgħix u jsaltan għal dejjem ta' dejjem. R/. Amen.

# TALBA TAL-FIDILI

## 18 ta' Ottubru
## FESTA SAN LUQA, EVANĠELISTA

*Ċel:* L-evanġelista San Luqa hu l-kittieb tal-ħniena ta' Kristu lejn il-foqra u ċkejknin. Fl-Evanġelju tiegħu naraw lil Ġesù jaħfer lill-midinbin u lill-pubblikani, ifejjaq il-morda u jfarraġ lil min hu qalbu maqsuma, u jilqa' bħala dixxipli tiegħu lin-nisa li kienu jaqduh u jimxu warajh biex jisimgħu l-Kelma. Nitolbu biex aħna wkoll nagħmlu esperjenza tal-ħniena ta' Kristu:
R/. *Agħtina qalb ħanina u umli, Mulej.*

1. Kif għażilt tnejn u sebgħin dixxipli biex imorru jxandru l-Evanġelju bix-xhieda ta' ħajja fqira, kompli sejjaħ lill-insara biex jimxu warajk fl-umiltà, nitolbu. R/.

2. Agħti d-don tal-ferħ u tal-paċi tiegħek lil dawk li huma mwarrbin fis-soċjetà, u agħmel li tiġi rispettata d-dinjità tagħhom, nitolbu. R/.

3. Bierek il-ħidma tat-tobba u l-infermiera li jiddedikaw ħajjithom biex itaffu t-tbatija u jġibu l-fejqan fiżiku u psikoloġiku tal-bniedem, nitolbu. R/.

4. Għallem lill-artisti jesprimu s-sbuħija bl-opri tagħhom, fl-ispirtu ta' mħabba safja li biha San Luqa hu meqjus mit-tradizzjoni li pinġa s-sbuħija tal-Verġni Marija fl-Evanġelju tiegħu, nitolbu. R/.

5. Ressaqna lejn is-sagrament tal-ħniena u l-maħfra, u għin lis-saċerdoti tagħna biex ikunu strumenti denji tal-ħniena tiegħek lejn il-midinbin, nitolbu. R/.

*Ċel:* Mulej Ġesù, inti tajtna lill-evanġelista San Luqa biex ikellimna fuq il-ħaja tiegħek ta' talb u ħidma favur il-foqra, u tal-ferħ tal-Ispirtu s-Santu fil-Knisja tal-bidu, u bgħattu anke mal-appostlu Pawlu fi gżiritna meta wassaltilna d-dawl tal-fidi, agħtina li nitgħallmu minnu kif insiru dixxipli veri tal-ħniena tiegħek. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem. R/. Amen.